MALTA

# QORTI TAL-APPELL

## (Kompetenza Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-16 ta' Diċembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 98/2018 LM

**ARMS Limited (C 46054) li assumiet l-atti flok il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma proprju u għan-nom ta' Enemalta**
*("l-appellata")*

***vs.***

**Carmel Borg (K.I. 617654M) u Raymond Borg (K.I. 194856M) f'isimhom proprju u għan-nom ta' Aluminium Extrusions Limited (C 7322)**
*("l-appellanti")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimati **Carmel Borg (K.I. 617654M)** u **Raymond Borg (K.I. 194856M) f'isimhom proprju u għan-nom ta' Aluminium Extrusions Limited (C 7322)** mil-lodo arbitrali mogħti mit-Tribunal tal-Arbitraġġ fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"),

fil-5 ta' Settembru, 2018 (minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata") li permezz tiegħu t-Tribunal iddeċieda illi,

"1. *Jilqa' l-ewwel talba tar-Rikorrenti kif ridotta u jiddikjara illi l-ammont ta' erbgħa u ħamsin elf, erba' mija u tlieta u għoxrin Lira Maltin u tnejn u tmenin ċenteżmu (LM54,423.82) ekwivalenti għal mija u sitta u għoxrin elf, seba' mija u tlieta u sebgħin euro u erbgħin ċenteżmu (€126,773.40) hu dovut mis-soċjetà Aluminium Extrusions Ltd (C 7322) skont il-prospett WSC1 u d-dokumenti annessi mal-istess prospett WSC2 u WSC3, u skont in-Nota ta' Riduzzjoni ppreżentata mir-Rikorrent fit-13 ta' Lulju 2015 bażata fuq id-dokumenti RB1 u RB2;*

*2. Jilqa' l-ewwel talba in kwantu din hi diretta fil-konfront tal-intimati Charles Borg u Raymond Borg fil-vesti tagħhom personali u jiddikjara liż-żewġ intimati bħala responsabbli* 'in solidum' *mas-soċjetà intimata Aluminium Extrusions Ltd għall-ħlas ta' dejn reklamat mir-rikorrenti sal-ammont ta' tlieta u erbgħin elf, mitejn u wieħed u ħamsin Liri Maltin u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (LM43,251.75) ekwivalenti għal mitt elf, tmien mija u dsatax-il euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€100,819.35);*

*3. Jikkundanna lis-soċjetà Aluminium Extrusions Ltd tħallas lir-Rikorrenti s-somma ta' mija u sitta u għoxrin elf, seba' mija u tlieta u sebgħin euro u erbgħin ċenteżmu (€126,773.40) dovuti kif fuq spjegat bl-imgħax kummerċjali mid-data tal-aħħar pagament effettwat mill-kumpannija intimata;*

*4. Jikkundanna lil Charles Borg u Raymond Borg fil-kapaċità tagħhom personali għall-ħlas tal-imsemmi dejn* 'in solidum' *mas-soċjetà Aluminium Extrusions Ltd sal-ammont ta' mitt elf, tmien mija u dsatax-il euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€100,819.35) bl-imgħax kummerċjali mid-data tal-aħħar pagament effettwat mill-kumpannija intimata.*

*L-ispejjeż kollha ta' dan l-arbitraġġ jitħallsu mill-intimati in solidum."*

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrenti istitwiet proċeduri quddiem iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta sabiex jitħallsu kontijiet arretrati dovuti lilha għall-konsum tad-dawl u l-

ilma u għall-kera ta' *meters* tad-dawl u l-ilma, f'fabbrika HF12, Industrial Estate, Ħal Far li l-intimati kienu jiġġestixxu, fl-ammont ta' LM60,438.82 (€140,784.58), bl-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal u bl-imgħax kummerċjali. Dan l-ammont pretiż mir-rikorrenti ġie ridott fil-mori tal-proċeduri arbitrali.

**Mertu**

3. L-intimati fir-risposta tagħhom wieġbu li minkejja li Carmel Borg u Raymond Borg huma diretturi tas-soċjetà Aluminium Extrusions Limited, huma fl-ebda ħin ma daħlu garanti għal xi kontijiet arretrati dovuta mill-istess soċjetà intimata lir-rikorrenti. Qalu wkoll li minkejja li fl-Avviż tal-Arbitraġġ jissemmew diversi dokumenti, huma baqgħu ma ġewx notifikati bihom, u għalhekk mhumiex a konoxxenza ta' fuq liema bażi hija msejsa t-talba tar-rikorrenti. Eċċepew ukoll li Aluminium Extrusions Limited dejjem ħallset dak kollu dovut minnha, u jekk hemm xi ammonti li talvolta jidhru li huma dovuti, dawn huma attribwibbli lil terzi. Fil-mertu, l-intimati qalu li Carmel Borg u Raymond Borg mhumiex leġittimi kontradittturi, u l-avviż tal-arbitraġġ kif propost hu null u bla effett fil-liġi inkwantu l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u l-Korporazzjoni Enemalta huma żewġ entitajiet indipendenti u distinti minn xulxin, u għalhekk kull waħda minnhom setgħet taġixxi biss għal dak li tippretendi li huwa dovut lilha. L-intimati qalu wkoll li jispetta lir-rikorrenti li tressaq prova ta' dak allegat minnha, filwaqt li żiedu jgħidu li huma ma ġewx notifikati bl-ebda dokument li kien anness mal-Avviż tal-Arbitraġġ. L-intimati sostnew li għalhekk l-ebda ammont mhuwa dovut minnhom, u l-ebda mgħaxijiet mhuma dovuti, u qalu li

għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom.

4. Permezz ta' nota ppreżentata fit-13 ta' Lulju, 2015, din ir-rikorrenti rriduċiet it-talba tagħha għal LM54,423.82 (€126,773.40) u dan wara spjegazzjoni li ngħatat mix-xhud **Reuben Bonnici** waqt l-udjenza li saret quddiem it-Tribunal fl-20 ta' Mejju 2015.

5. Ix-xhud **Kevin Brincat** spjega quddiem it-Tribunal li huwa kien *administrator* mal-Water Services Corporation, u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma fir-rigward tal-konsum tal-ilma u l-elettriku mill-intimati f'fabbrika li huma kienu joperaw ġewwa Ħal Far, sal-1 ta' Diċembru, 2007. Dan ix-xhud spjega li meta inkwilin joħroġ minn fabbrika, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma tiġi infurmata b'dan minn Malta Industrial Parks, sabiex ikun jista' jittieħed qari tal-konsum attwali fuq il-*meters* kollha u jinħareġ il-kont. Ix-xhud **Dr Daniela Aquilina** għan-nom ta' Malta Industrial Parks xehdet li l-kumpannija Aluminium Extrusions Limited ħarġet mill-fabbrika allokata lilha mill-MIP fl-1 ta' Diċembru, 2007. Ix-xhud spjegat li kien sar l-iżgumbrament għaliex l-intimati kisru l-kundizzjonijiet tal-kuntratt u ma kinux iħallsu l-*encroachment fee* u l-*compensation for occupation,* u dak iż-żmien kien hemm ammont sostanzjali ta' arretrati dovuta lil Malta Industrial Parks.

6. L-intimat **Carmel Borg** qal li meta hu kien iffirma l-ftehim bejn ir-rikorrenti u Aluminium Extrusions Limited, huwa ma kienx jaf f'liema vesti kien qiegħed jiffirma dan il-ftehim. Minkejja dan, qal li huwa kien involut fin-negozjati mas-soċjetà rikorrenti sakemm intlaħaq ftehim verbali dwar il-kontijiet pendenti. Qal

li sa fejn jaf hu, la hu u lanqas ħuh ma ftiehmu li kienu ser jidħlu garanti personali għas-soċjetà intimata fuq dak il-ftehim. Ix-xhud qal li jista' jkun li numru ta' ċekkijiet li saru l-ħlasijiet bihom lir-rikorrenti, ma kinux ġew onorati, imma sussegwentement kien sar il-ħlas b'ċekkijiet li ssarrfu jew bi flus kontanti.

7. **Raymond Borg** fix-xhieda tiegħu qal li l-kumpannija Aluminium Extrusions Limited kienet laħqet ftehim mal-Water Services Corporation fil-11 ta' Ġunju, 2004 dwar l-arretrati dovuta minnha lir-rikorrenti. Qal li dan kien l-uniku ftehim li s-soċjetà intimata qatt iffirmat mar-rikorrenti. Ix-xhud qal li skont dan il-ftehim, is-soċjetà intimata kellha tħallas l-ammont ta' LM43,000, li minnhom l-intimata ħallset is-somma ta' LM30,205.30. Żied jgħid li d-dokumenti li jistgħu jippruvaw dan kienu tħallew fil-fabbrika f'Ħal Far li l-intimati m'għandhomx aċċess għaliha. Qal li l-ftehim kien jipprovdi kemm għal ħlasijiet kif ukoll għar-riattivazzjoni tas-servizz tal-ilma, iżda dan is-servizz baqa' qatt ma ngħata lura lill-intimati. Ix-xhud qal li minkejja li r-rikorrenti qiegħda tippretendi ħlas fl-ammont ta' LM60,438, dan l-ammont huwa akbar mill-ammont indikat fil-ftehim iffirmat bejn il-partijiet, u jonqos milli jieħu konsiderazzjoni tal-pagamenti li saru mis-soċjetà intimata.

8. Ir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha spjegat li filwaqt li m'hemm l-ebda kontestazzjoni li s-soċjetà intimata hija leġittima kontradittriċi, min-naħa tagħhom l-intimati Carmel Borg u Raymond Borg qegħdin jikkontestaw li huma leġittimi kontradituri. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti spjegat li l-ftehim bejnha u Carmel Borg, Raymond Borg u Aluminium Extrusions Limited tal-11 ta' Ġunju, 2004, kien jirrigwarda l-ammont ta' LM43,281.75

(€100,819.36), u dan il-ftehim kien iffirmat kemm minn Charles Borg kif ukoll minn Raymond Borg u l-firmatarji intrabtu personalment u *in solidum* mal-istess soċjetà għall-kundizzjonijiet kollha tal-ftehim, jekk is-soċjetà intimata tonqos illi żżomm il-ftehim. B'riferiment għall-eċċezzjoni ta' nullità tal-avviż tal-arbitraġġ, ir-rikorrenti spjegat li hija kienet awtorizzata tipproċedi legalment sabiex tiġbor jew tirkupra kwalunkwe ammont dovut lil Enemalta. Mill-provi jirriżulta wkoll li l-intimati ġew żgumbrati mill-fabbrika fl-1 ta' Diċembru, 2007.

**<u>Id-Deċiżjoni Arbitrali</u>**

9. Permezz tad-deċiżjoni arbitrali mogħtija fil-5 ta' Settembru, 2018, it-Tribunal ikkonkluda li s-soċjetà Aluminium Extrusions Limited għandha tagħti lir-rikorrenti l-ammont ta' LM54,423.82 (ekwivalenti għal €126,773.40), u li l-intimati Charles Borg u Raymond Borg fil-vesti tagħhom personali huma responsabbli '*in solidum*' mas-soċjetà Aluminium Extrusions Limited għall-ħlas tad-dejn reklamat mir-rikorrenti sal-ammont ta' LM43,251.75 (ekwivalenti għal €100,819.35), bl-imgħax kummerċjali mid-data tal-aħħar pagament li sar mis-soċjetà intimata, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"L-Arbitru:*

- *Ra l-atti kollha tal-arbitraġġ, sema' il-provi u ġabar dokumenti u sema' s-sottomissjonijiet tad-difensuri.*
- *Ra l-provvedimenti tal-Kapitolu 272, u tal-Kapitolu 355 tal-Liġijiet ta' Malta.*
- *Ra l-avviżi tal-Gvern ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Ottubru 2011 numri 964 u 965 li pprovdew illi funzjonijiet speċifikati fl-imsemmija avviżi setgħu jitwettqu mill-Automated Revenue Services Management Limited flimkien ma' jew separatament mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u/jew l-Enemalta, it-tnejn flimkien.*

- *Ra illi l-Kapitolu 536 tal-Liġijiet ta' Malta, magħruf bħala l-Att dwar it-Trasferiment tal-Attiv, id-Drittijiet, id-Debiti u l-Obbligi tal-Enemalta pprovda għat-trasferiment tal-attiv, debiti, drittijiet u obbligi kollha tal-Korporazzjoni Enemalta lis-soċjetà Enemalta plc.*
- *Ra d-digriet tiegħu tas-6 ta' April 2016 u d-digriet tiegħu tal-15 ta' Mejju 2018 fuq l-istess rikors.*

*IKKOSTATA*

*Illi f'dan l-arbitraġġ ġiet ippreżentata nota ta' eċċezzjonijiet waħda għat-tliet intimati.*

*Illi fl-ewwel lok l-arbitru ser jgħaddi biex jikkonsidra l-eċċezzjonijiet tal-intimati ta' natura preliminari.*

*Illi l-ewwel eċċezzjoni tirrigwarda t-talba tar-Rikorrenti in kwantu diretta kontra l-intimat Carmel Borg u Raymond Borg fil-vesti tagħhom personali. Iż-żewġ intimati isostnu illi huma ma humiex il-leġittimi kontradittturi tar-Rikorrenti u kwindi t-talba f'dan l-arbitraġġ in kwantu diretta kontra tagħhom personalment għandha titqies nulla u bla effett.*

*L-arbitru eżamina l-provi kollha prodotti mill-partijiet fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni preliminari u ħa konjizzjoni tas-sottomissjonijiet kemm verbali kif ukoll skritti magħmula mill-abbli difensuri fir-rigward.*

*Illi b'mod partikolari l-arbitru ra d-depożizzjonijiet ta' Carmel Borg u Raymond Borg rigward id-dokument ta' ftehim tal-11 ta' Ġunju 2004 u eżamina l-istess dokumenti WSC4 a fol. Red 31 tal-proċess.*

*IKKUNSIDRA*

*Illi fl-imsemmi dokument hemm klawsola li tipprovdi hekk:*

*"F'każ ta' soċjetà kummerċjali, il-firmatarju qiegħed jintrabat personalment u in solidum mal-istess soċjetà għall-kundizzjonijiet kollha hawn isfel elenkati, jekk is-soċjetà imsemmija tonqos illi żżomm il-ftehim ..."*

*L-intimat Carmel Borg fis-seduta tat-12 ta' Diċembru 2010 spjega hekk:*

*"... għalkemm jien iffirmajt l-istess ftehim ma kontx naf f'liema vesti kont qed niffirma billi ismi ma jidhirx fil-parti ta' fuq tal-ftehim."*
*Illi da parti tiegħu l-intimat Raymond Borg fl-affidavit tiegħu sostna illi kienet is-soċjetà intimata Aluminium Extrusions Ltd illi laħqet il-ftehim tal-11 ta' Ġunju 2004.*

*Illi hu paċifiku illi ż-żewġ intimati Raymond Borg u Carmel Borg iffirmaw il-ftehim de quo – it-tnejn jirriżulta li kienu parteċipi fin-negozjati li wasslu għall-ftehim imsemmi.*

*Ikkunsidra illi tenut kont tal-provi prodotti, l-eċċezzjoni tal-intimati Borg illi huma ma dehrux fil-kapaċità tagħhom personali meta ffirmaw il-ftehim tal-11 ta' Ġunju 2004 ma tistax tiġi milqugħa. Il-ftehim kien ċar u meta huma ffirmaw kienu qegħdin jaċċettaw ukoll li jintrabtu personalment u* in solidum *mal-istess soċjetà Aluminium Extrusions Limited għall-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-dokument de quo.*

*Apparti li ż-żewġ intimati jirriżulta li huma nies ta' ċerta esperjenza fil-qasam tan-negozju, japplika wkoll il-prinċipju illi kull ħadd għandu d-dover li jara sewwa xi jkun qed jiffirma. Inoltre f'kull ftehim li jintlaħaq ma' terzi, min ikun qed jiffirma l-istess għandu jeżamina b'dik id-diliġenza dovuta u mistennija minn* bonus paterfamilias.

*Illi konsegwentement din l-ewwel eċċezzjoni preliminari qed tiġi miċħuda u l-klawsola fil-ftehim tal-11 ta' Ġunju 2004 li permezz tagħha ż-żewġ intimati Carmel Borg u Raymond Borg intrabtu personalment u* in solidum *mas-soċjetà Aluminium Extrusions Limited għall-kundizzjonijiet kollha tal-istess ftehim qiegħda tiġi meqjusa vinkolanti kemm fuq is-soċjetà intimata kif ukoll fuq l-istess żewġ intimati Raymond u Carmel Borg peress illi permezz tagħha l-istess intimati daħlu f'rapport dirett mar-Rikorrenti sal-ammont speċifikat fl-iskrittura ta' mitt elf, tmien mija u dsatax-il euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€100,819.35) ekwivalenti għal dawk li kienu tlieta u erbgħin elf, mitejn u wieħed u ħamsin Lira Maltin u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (LM43,251.75).*

*It-tieni eċċezzjoni preliminari tirrigwarda n-nullità tal-Avviż tal-Arbitraġġ minħabba illi kif isostnu l-intimati – il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ma setgħet qatt taġixxi ukoll għall-Korporazzjoni Enemalta iżda se mai limitatament fir-rigward tal-kreditu dovut lilhom.*

*L-arbitru sema' s-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni.*

*Ra l-Kapitolu 355 tal-Liġijiet ta' Malta – Artikolu 22 li kien fis-seħħ meta ġiet introdotta din il-proċedura.*

*Ra ukoll għal kull buon fini l-provvedimenti tas-segwenti:*

1. *Kapitolu 272 tal-Liġijiet ta' Malta;*
2. *L-avviżi tal-Gvern numri 964 u 965 pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Ottubru 2011 dwar funzjonijiet li setgħu jitwettqu mill-ARMS Ltd; u*

3. *Il-provvediment tal-Kapitolu 536 tal-Liġijiet ta' Malta dwar it-trasferiment tal-Attiv, Drittijiet, Debiti u Obbligi tal-Korporazzjoni Enemalta lis-soċjetà Enemalta plc.*

*Ikkunsidra l-imsemmi artikolu 22 tal-Kapitolu 355 tal-Liġijiet ta' Malta li kien jistipula illi waħda mill-funzjonijiet tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kienet illi tagħmel proċeduri legali jew kull proċedura oħra awtorizzata bil-liġi biex tiġbor jew tieħu lura kwalunkwe somom fl-interess u għan-nom tal-Korporazzjoni Enemalta.*

*Għal dawn il-motivi, l-arbitru qed jiċħad anke din l-eċċezzjoni preliminari peress illi meta ġiet introdotta din il-proċedura il-Korporazzjoni Rikorrenti aġixxiet fil-limiti tal-liġi meta aġixxiet kontra l-intimati anke f'isem il-Korporazzjoni Enemalta għall-bilanċ dovut lill-istess.*

*L-aħħar żewġ eċċezzjonijiet tal-Intimati huma eċċezzjonijiet fil-mertu. Għalhekk ser jiġu trattati flimkien mat-talba tar-Rikorrenti.*

*L-intimati kkontestaw it-talba għall-ħlas tal-kontijiet esebiti mir-rikorrenti billi sostnew illi huma effettwaw pagamenti b'mod illi m'għandhom xejn x'jagħtu lir-Rikorrenti (ara eċċezzjoni numru 4). L-intimat Charles Borg sostna:*

*(i)* *Illi kien hemm diskrepanza bejn l-ammont tal-ftehim datat 11 ta' Ġunju 2004 (Dok. WSC 4) ċioe tlieta u erbgħin elf (LM43,000) u dak mitlub fl-arbitraġġ ċioe sittin elf, erba' mija u tmienja u tletin Lira Maltin (LM60,438) u*

*(ii)* *Il-kumpannija intimata kienet effettwat pagamenti ta' bejn ħmistax u għoxrin elf Lira Maltin li ma ġewx meħuda in konsiderazzjoni fit-talba.*

*L-intimat l-ieħor Raymond Borg iddikjara illi l-kumpannija bejn il-15 ta' Ġunju 2014 u l-5 ta' Ottubru 2007 ħallset lir-Rikorrenti tletin elf mitejn u ħames Liri Maltin u tletin ċenteżmu (LM30,205.30).*

*Illi l-intimati sotnew illi l-pagamenti li huma allegaw li effettwaw kienu saru permezz ta' cheques. Aċċettaw illi "xi cheques setgħu ma ġewx onorati mill-ewwel però reġgħu ġew preżentati u fit-tieni okkażjoni ġew onorati. Kien hemm drabi fejn iċ-cheques mhux onorati ġew ritornati lilna u aħna ħallasna cash l-ammont indikat fuq l-istess cheques" (ara xhieda in kontro-eżami ta' Carmel Borg seduta 12 ta' Diċembru 2010).*

*Illi l-intimati ma adduċew ebda prova materjali in sostenn tal-pretensjoni tagħhom ċioe illi huma kienu effettwaw pagamenti li ma ġewx regolarment akkreditati lilhom. In kontro-eżami Carmel Borg stqarr:*

*"Id-dokumenti kollha tal-kumpannija nqaflu fil-fabbrika li ttieħdet lilna mill-MIP bla ma aħna ġbarna d-dokumentazzjoni."*

*Minħabba f'hekk – isostnu l-intimati – huma ma kinux aktar f'pożizzjoni illi jressqu l-provi materjali ta' dak li kienu qed jallegaw. Fil-fatt l-intimati ma ressqu ebda prova dwar il-pagamenti reali li saru minnhom. L-allegazzjonijiet tagħhom ma jistgħux jiġu kkunsidrati ulterjorment billi l-prova tinkombi lil min jallega u f'dan il-każ hi kompletament mankanti min-naħa tal-Intimati. Min iressaq eċċezzjoni ta' pagament irid jipprovaha sodisfaċentement sal-grad li titlob il-liġi. Min jallega illi xi parti mis-somma li jiġi mitlub iħallas hi diġà mħallsa jkollu l-oneru li jissodisfa lil min irid jiġġudika illi dan kien tassew il-każ. F'materja ta' ħlas ta' ammonti dovuti, ir-riċevuta hi l-aqwa prova ta' ħlas. In difett ta' prova tali titnissel il-preżunzjoni li tali pagamenti ma jkunux ġew effettwati. B'hekk il-lanjanza tal-intimati f'dan ir-rigward ma tistax tiġi kkonsidrata ulterjorment.*

*Stabbilit dan, fil-mori tal-arbitraġġ, ir-Rikorrenti reġgħet eżaminat il-prospett tal-ħlasijiet effettwati mill-intimati matul iż-żmien u eżaminat is-*supporting documents *fir-rigward.*

*L-eżerċizzju tar-reviżjoni sar mix-xhud Reuben Bonnici fuq iż-żewġ accounts tal-kumpannija intimata. Irriżulta illi xi cheques ġew diżonorati mill-Bank u baqgħu pendenti. Iżda rriżulta illi pagamenti oħra ammontanti għal sitt elef Liri Maltin (LM6,000) ma kinux ġew akkreditati favur l-Intimati fil-prospett oriġinali – Dok. WSC1, WSC2 u WSC3 – u r-Rikorrenti ma kellux prova illi c-cheques in kwistjoni kienu ġew diżonorati. Ix-xhud Bonnici ħejja d-dokumenti RB1 u RB2 u kkonferma l-korrettezza tal-istess.*

*Illi konsegwenti għal din l-eċċezzjoni, ir-rikorrenti b'nota tat-13 ta' Lulju 2015 irriduċiet it-talba bl-ammont ta' sitt elef u ħmistax-il Lira Maltin (LM6,015) li jinkludu s-sitt elef Lira Maltin (LM6,000) pagamenti effettwati mill-intimati u ħmistax-il Lira Maltin (LM15) charges mir-Rikorrenti għal cheques li ma kinux onorati, liema charges ġew ukoll reversed.*

*Ikkunsidra illi fit-talba oriġinali, ir-Rikorrenti talbet il-ħlas ta' mija u erbgħin elf, seba' mija u erbgħa u tmenin euro (€140,784) ekwivalenti għal sittin elf, erba' mija tmienja u tletin Liri Maltin u tnejn u tmenin ċenteżmu (LM60,438.82) skont id-dokumenti u prospett WSC1, WSC2 u WSC3. Fil-mori tal-arbitraġġ, it-talba tar-Rikorrenti ġiet ridotta għal mija u sitta u għoxrin elf, seba' mija u tlieta u sebgħin euro u erbgħin ċenteżmu (€126,773.40) ekwivalenti għal erbgħa u ħamsin elf, erba' mija u tlieta u għoxrin Liri Maltin u tnejn u tmenin ċenteżmu (LM54,423.82). Ir-riduzzjoni saret*

*permezz ta' Nota ta' Riduzzjoni preżentata fit-13 ta' Lulju 2015, wara li fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2015 Reuben Bonnici x-xhud prodott mir-Rikorrenti spjega r-raġunijet li taw lok għal din ir-riduzzjoni.*

*Stabbilit dan, l-arbitru:*

- *Ra d-dokumenti WSC1, WSC2 u WSC3 kif ukoll id-dokumenti RB1 u RB2 esebiti b'Nota tat-18 ta' Mejju 2015;*
- *Ra d-depożizzjonijiet kollha ta' Reuben Bonnici u ta' Kevin Brincat tad-9 ta' Ottubru 2008 u affidavit datat 6 ta' Novembru 2008;*
- *Eżamina s-sottomissjonijiet taż-żewġ difensuri fir-rigward tal-ammont mitlub; u*
- *Ra d-depożizzjoni tal-Intimati dwar il-kontijiet esebiti u diffikultajiet illi jallegaw li ffaċċjaw dwar dokumenti u 'data' oħra rigward l-istess kontijiet li ma kienx fadlilhom aċċess għalihom minħabba ċ-ċirkostanzi minnhom allegati fid-depożizzjoni tagħhom.*

*Fin-nuqqas ta' prova materjali da parti tal-Intimati li tattakka l-korrettezza tad-dokumenti RB1 u RB2, l-arbitru wara li eżamina d-depożizzjoni ta' Reuben Bonnici, u kkostata illi l-intimati naqsu milli jressqu prova tal-pagamenti kollha minnhom allegatament effettwati, ra n-Nota ta' Riduzzjoni tat-talba magħmula mir-Rikorrenti u prevja ċ-ċaħda tar-raba' eċċezzjoni tal-intimati jiddikjara illi l-ammont kumplessiv ta' mija u sitta u għoxrin elf, seba' mija u tlieta u sebgħin euro u erbgħin ċenteżmu (€126,773.40) huma dovuti lir-Rikorrenti fuq iż-żewġ servizzi (tal-elettriku u tal-ilma) imsemmija fit-talba ta' dan l-arbitraġġ.*

*Ikkunsidra:*

- *Illi fis-sottomissjonijiet tagħhom, id-difensur tal-Intimati għamel referenza għad-dokument WSC4 a fol. 31 fil-proċess u ssottometta bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni illi minn dan id-dokument joħroġ ammont speċifiku u għalhekk l-Intimati fil-vesti tagħhom personali ma jistgħu qatt jiġu misjuba responsabbli għal aktar mill-ammont speċifikat fl-istess dokument.*
- *Id-difensur żied jissottometti illi kemm-il darba tinstab xi responsabbilità personali għal ħlas ta' kontijiet de quo m'għandhiex taqbeż l-ammont indikat fid-dokument WSC4 anzi għal dan għandu jiġi ridott billi jiġi mnaqqas minnu l-ammont ta' pagamenti li jirriżultaw li ġew effettwati wara li ġiet iffirmata din l-iskrittura.*

*L-arbitru ra d-dokument WSC4 (fol 31 tal-proċess) u kkostata:*

a. *Illi fil-jum li fih l-istess dokument ġie ffirmat mill-intimat Charles Borg u Raymond Borg l-ammont totali dovut lis-soċjetà rikorrenti kien ta' tlieta u*

*erbgħin elf mitejn u wieħed u ħamsin Liri Maltin u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (LM43,251.75) ekwivalenti għal mitt elf, tmien mija u dsatax-il euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€100,819.35);*

*b. Illi l-ammont li tiegħu qed jiġi reklamat il-ħlas mis-soċjetà Rikorrenti llum huwa ta' mija u sitta u għoxrin elf, seba' mija u tlieta u sebgħin euro u erbgħin ċenteżmu (€126,773.40);*

*c. Illi waħda mill-kundizzjonijiet illi ffirmaw għaliha l-Intimati Borg fil-kapaċità tagħhom personali kienet tistipola illi l-kontijiet korrenti kollha jitħallsu mis-soċjetà Intimata meta joħorġu u ma kellhomx x'jaqsmu mal-ftehim de quo;*

*d. Illi minn eżami tal-kontijiet jirriżulta illi l-pagamenti li saru wara li ġie ffirmat il-ftehim anqas ma kien suffiċjenti biex jaqtgħu l-kontijiet kurrenti billi l-ammont dovut finalment kompla jikber minn mitt elf, tmien mija u dsatax-il euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€100,819.35) telgħu għal mija u sitta u għoxrin elf, seba' mija u tlieta u sebgħin euro u erbgħin ċenteżmu (€126,773.40).*

*Illi tenut kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, l-arbitru hu tal-fehma illi ż-żewġ intimati Charles Borg u Raymond Borg fil-kapaċità tagħhom personali għandhom jagħmlu tajjeb* 'in solidum' *mas-soċjetà intimata sal-ammont ta' tlieta u erbgħin elf, mitejn u wieħed u ħamsin Liri Maltin u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (LM43,251.75) ekwivalenti għal mitt elf, mija u dsatax-il euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€100,819.35).*

*Id-difensur tal-Intimati għamel ukoll sottomissjoni dwar id-data minn meta kellu jibda jiddekorri l-imgħax skont il-liġi f'każ illi kellu jirriżulta xi ammont dovut mill-Intimati.*

*L-arbitru kkunsidra l-istess sottomissjoni.*

*Ikkostata illi l-interessi mitluba tar-Rikorrenti huma ta' tip moratorju u kwindi "dovuti b'titolu ta' riżarċiment ta' danni għal dewmien da parti tad-debitur fl-adempiment tal-obbligazzjonijiet minnu assunti (Artikolu 1141(1) Kodiċi Ċivili kombinat mal-Artikolu 1130(1) tal-istess Kodiċi" (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Kummerċjali fil-kawża Evaristo Psaila vs George Spiteri tat-12 ta' Frar 1965). Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-arbitru hu tal-fehma illi l-interessi kummerċjali huma dovuti mid-data tal-aħħar pagament effettiv li sar mis-soċjetà intimata billi f'dak il-punt l-ammont reklamat kien diġà likwidu u dovut.*

*Għal dawn il-motivi, l-arbitru prevja ċ-ċaħda tal-eċċezzjonijiet kollha tal-Intimati:*

*1. Jilqa' l-ewwel talba tar-Rikorrenti kif ridotta u jiddikjara illi l-ammont ta' erbgħa u ħamsin elf, erba' mija u tlieta u għoxrin Liri Maltin u tnejn u tmenin ċenteżmu (LM54,423.82) ekwivalenti għal mija u sitta u għoxrin elf, seba' mija u tlieta u sebgħin euro u erbgħin ċenteżmu (€126,773.40) hu dovut mis-soċjetà*

*Aluminium Extrusions Limited (C7322) skont il-prospett WSC1 u d-dokumenti annessi mal-istess prospett WSC2 u WSC3, u skont in-nota ta' riduzzjoni preżentata mir-Rikorrenti fit-13 ta' Lulju 2015 bażata fuq id-dokumenti RB1 u RB2.*

2. *Jilqa' l-ewwel talba in kwantu din hi diretta fil-konfront tal-intimati Charles Borg u Raymond Borg fil-vesti tagħhom personali u jiddikjara liż-żewġ Intimati bħala responsabbli 'in solidum' mas-soċjetà intimata Aluminium Extrusions Ltd għal ħlas ta' dejn reklamat mir-Rikorrenti sal-ammont ta' tlieta u erbgħin elf mitejn u wieħed u ħamsin Liri Maltin u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (LM43,251.72) ekwivalenti għal mitt elf mija u dsatax-il euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€100,819.35).*
3. *Jikkundanna lis-soċjetà Aluminium Extrusions Ltd tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mija sitta u għoxrin elf, seba' mija u tlieta u sebgħin euro u erbgħin ċenteżmu (€126,773.40) dovuti kif fuq spjegat bl-imgħax kummerċjali mid-data tal-aħħar pagament effettwat mill-kumpannija intimata.*
4. *Jikkundanna lil Charles Borg u Raymond Borg fil-kapaċità tagħhom personali għall-ħlas tal-imsemmi dejn 'in solidum' mas-soċjetà Aluminium Extrusions Ltd sal-ammont ta' mitt elf, tmien mija u dsatax-il euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€100,819.35) bl-imgħax kummerċjali mid-data tal-aħħar pagament effettwat mill-kumpannija intimata.*

*L-ispejjeż kollha ta' dan l-arbitraġġ jitħallsu mill-Intimati 'in solidum'.*

## L-Appell

10. L-intimati Carmel Borg, Raymond Borg u Aluminium Extrusions Limited ippreżentaw l-appell tagħhom fl-20 ta' Settembru, 2018, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex,

> *"... jogħġobha tilqa' l-aggravji tagħhom u konsegwentement tħassar, tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni tal-Arbitru fl-ismijiet premessi mogħtija nhar il-5 ta' Settembru 2018 u dan taħt kull provvediment ieħor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.*
>
> *Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati."*

11. L-appellanti jgħidu li huma jħossu ruħhom aggravati bid-deċiżjoni tat-Tribunal għaliex dan ċaħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tagħhom, u għamel applikazzjoni ħażina tal-liġi sostantiva u proċedurali. L-appellanti jgħidu li ladarba huma ressqu eċċezzjonijiet ta' natura preliminari dwar min hu l-leġittimu kontradittur, kif ukoll dwar l-interess ġuridiku ta' min qiegħed jippromwovi l-azzjoni, it-Tribunal kellu jiddeċiedi dawn l-eċċezzjonijiet minflok jipproċedi daqs li kieku dawn l-eċċezzjonijiet ma tressqux.

12. L-appellanti jgħidu li l-*meters* tad-dawl u l-ilma kienu rreġistrati f'isem Aluminium Extrusions Limited, u l-ftehim li abbażi tiegħu r-rikorrenti tallega solidarjetà bejn l-intimati, jindika b'mod ċar min huma l-leġittimi kontradituri. Qalu li l-aħwa Borg, fil-vesti personali tagħhom ma kinux parti minn dan il-ftehim. Qalu li għalhekk dan il-ftehim qatt ma seta' jiġi interpretat bħala li l-aħwa Borg daħlu garanti *in solidum* għad-dejn b'mod personali.

13. B'riferiment għat-tieni eċċezzjoni preliminari, l-appellanti qalu li t-Tribunal naqas milli jieħu konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tagħhom dwar l-interess ġuridiku ta' min qed jipproponi l-azzjoni. L-appellanti qalu li d-dispożizzjonijiet li straħet fuqhom il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma sabiex tiġġustifika d-dritt tagħha li taġixxi anki għan-nom tal-Korporazzjoni Enemalta ma kinux applikabbli u waqt il-proċeduri arbitrali, dawn l-istess regolamenti kienu ġew revokati mingħajr ma kien hemm xi *saving clause* fir-rigward. L-appellanti qalu li t-Tribunali kkonsidra biss it-talba li saret mis-soċjetà rikorrenti sabiex tassumi l-atti minflok il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, u mexa fuq dak li kien jirriżulta *prima facie* mill-Gazzetta tal-Gvern mingħajr ma kkonsidra

jekk il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kinitx assenjat xi interess li seta' kellha lil entità terza.

14. L-appellanti qalu li huma ħassew ruħhom aggravati wkoll għaliex it-Tribunal għamel applikazzjoni ħażina tal-liġi meta ċaħad l-eċċezzjonijiet tagħhom għal dak li jirrigwarda l-*quantum* tat-talbiet attriċi u għadda biex laqa' t-talbiet tar-rikorrenti. L-appellanti saħqu li l-komputazzjoni matematika li għamel it-Tribunal mhux biss kienet żbaljata, imma kienet tinvolvi wkoll l-applikazzjoni ta' oneru tal-prova li huwa kuntrarju għal dak applikabbli fil-liġi. Qalu li filwaqt li huma baqgħu jsostnu li kienu għamlu uħud mill-ħlasijiet dovuti, ir-rikorrenti qalet li uħud minn dawn il-ħlasijiet ma kinux ġew onorati, iżda r-rikorrenti ma ġabet l-ebda prova ta' dan. L-appellanti qalu li għalhekk it-Tribunal kien żbaljat meta qal li tali prova kellha tinġieb mill-intimati, partikolarment quddiem iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ fejn irriżulta li parti mid-dokumentazzjoni kienet tħalliet fil-fabbrika li l-intimati m'għadx għandhom aċċess għaliha. L-appellanti qalu wkoll li mill-atti ma tirriżulta l-ebda prova tal-ammonti reklamati u prova tal-qari tal-*meters* li jirriflettu l-konsum attwali tas-soċjetà intimata.

15. L-appellanti qalu li huma ħassew ruħhom aggravati wkoll għaliex fil-komputazzjoni tal-imgħax applikabbli fuq l-ammonti reklamati mill-appellata, m'hemmx indikazzjoni ċara tad-data minn meta għandu jibda jiddekorri l-imgħax u lanqas tar-rata ta' imgħax applikabbli, partikolarment meta minn dak li qalu l-appellati, huma applikabbli rati ta' imgħax differenti għall-konsum tad-dawl u għall-konsum tal-ilma.

**Ir-risposta tal-appell**

16. Fir-risposta tal-appell ir-rikorrenti appellata tgħid li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma, u t-talbiet tagħha għandhom jiġu milqugħa għaliex it-Tribunal kien legalment korrett meta laqa' t-talbiet tagħha. L-appellata eċċepiet li r-rikors tal-appell huwa null peress li ġie intavolat kontra l-ARMS meta din il-kumpannija hija magħrufa hekk biss għal raġunijiet ta' prattiċità, u meta l-isem proprju tagħha huwa Automated Revenue Management Services Limited. Żiedet tgħid li dan iġib id-difett li l-appell ġie intavolat kontra kumpannija li ma teżistix, bir-riżultat ovvju u awtomatiku li l-appell ma jistax ireġi kif inhu. Kompliet tgħid li anki f'każ li din il-Qorti ma tasalx għall-konklużjoni li tali difett fl-okkju għandu jwassal għal nullità, l-aggravji mressqa mill-appellanti xorta waħda għandhom jiġu miċħuda. B'riferiment għall-aggravju tal-appellanti li l-proċeduri ma setgħux jiġu intavolati mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma f'isimha propju u għan-nom tal-Enemalta, peress li dawn huma żewġ entitajiet separati, l-appellata qalet li dan l-aggravju m'għandu l-ebda piż, għaliex il-Korporazzjoni kienet awtorizzata li tagħmel kull proċedura legali jew proċedura oħra awtorizzata bil-liġi biex tiġbor jew tieħu lura kwalunkwe ammonti f'isem u għan-nom tal-Enemalta. L-appellata tagħmel riferiment għall-artikolu 22 tal-Kap. 355, u tgħid li dan l-artikolu issa m'għadux fis-seħħ skont l-Att XXXIV tal-2014, iżda dan l-artikolu kien fis-seħħ meta ġie intavolat l-arbitraġġ fid-19 ta' Frar, 2008. L-artikolu imsemmi kien jispeċifika li waħda mill-funzjonijiet tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kienet li tagħmel kull proċedura legali jew proċedura oħra permessa bil-liġi biex tiġbor jew tieħu lura kwalunkwe ammonti f'isem u għan-nom tal-Enemalta. L-appellata qalet li

huwa għalhekk li dan l-aggravju tal-appellanti ma jistax jiġi milqugħ, għaliex dan l-arbitraġġ kien ġie intavolat mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma skont kif debitament awtorizzata, għaliex dak iż-żmien hija kellha kull dritt li taġixxi għan-nom tal-Korporazzjoni Enemalta.

17. B'riferiment għall-aggravju dwar min mill-intimati huwa l-leġittimu kontradittur fil-proċeduri intavolati, l-appellata tgħid għad illi l-aħwa Carmel u Raymond Borg qegħdin jikkontendu li m'hemm l-ebda relazzjoni legali bejnhom personalment u s-soċjetà rikorrenti, għaliex skont huma kull dokument ġie ffirmat minnhom fil-kapaċità tagħhom ta' diretturi ta' Aluminium Extrusions Limited, u għaliex il-*meter* tad-dawl u l-ilma tal-fabbrika kien f'isem il-kumpannija, madankollu l-ftehim bejn il-partijiet kien jispeċifika illi:

> "F'każ ta' soċjetà kummerċjali, il-firmatarju qiegħed jintrabat personalment u *'in solidum'* mal-istess soċjetà għall-kundizzjonijiet kollha hawn isfel elenkati jekk is-soċjetà msemmija tonqos li żżomm dan il-ftehim."

18. L-appellata qalet li jirriżulta mingħajr ebda dubju li kemm Carmel Borg kif ukoll Raymond Borg iffirmaw il-ftehim in kwistjoni u għalhekk dawn intrabtu personalment u *'in solidum'* mas-soċjetà Aluminium Extrusions Limited. L-appellata argumentat li *pacta sunt servanda,* u l-ftehim imsemmi għandu l-piż ta' liġi u kuntratt viġenti bejn il-partijiet, u għalhekk l-argument ta' Carmel u Raymond Borg li huma ffirmaw dan il-ftehim biss bħala diretturi tas-soċjetà Aluminium Extrusions Limited ma jreġix.

19. B'riferiment għall-aggravju li ma ġewx deċiżi l-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, l-appellata qalet li dan l-aggravju jmur kontra l-argument tal-

appellanti li t-Tribunal applika l-liġi sostantiva u proċedurali b'mod skorrett biex wasal għad-deċiżjoni tiegħu. L-appellata qalet li minn qari tal-lodo arbitrali jirriżulta li t-Tribunal fil-fatt iddeċieda dwar iż-żewġ eċċezzjonijiet b'mod separat u b'kap għalihom, u mhux talli t-Tribunal ma skartax dawn l-eċċezzjonijiet, talli daħal f'kull eċċezzjoni b'mod separat. Żiedet tgħid li l-fatt li t-Tribunal ċaħad dawn l-eċċezzjonijiet, ma jfissirx li skartahom, imma jfisser biss li ra d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata u ra l-liġi applikabbli, u sussegwentement wasal għad-deċiżjoni li tali eċċezzjonijiet għandhom jiġu miċħuda.

20. B'riferiment għal dak li ntqal mill-appellanti li t-Tribunal ma ħax konjizzjoni tas-sottomissjoni tagħhom li l-appellati mhumiex il-leġittimi kontradittur, ir-rikorrenti tirrileva li ma tistax tifhem kif qiegħed jingħad dan meta b'digriet tad-29 ta' Frar 2016, it-Tribunal ta l-opportunità liż-żewġ partijiet biex jittrattaw din l-eċċezzjoni b'mod estensiv u jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet. Barra minn hekk it-Tribunal issospenda l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex dan il-punt seta' jiġi diskuss f'aktar dettall.

21. Kwantu għall-aggravju relatat mal-ammont pretiż mill-appellata, fejn l-appellanti jikkontendu li kellha tkun l-appellata li ġġib il-prova li ċ-ċekkijiet li bihom kellu jsir il-ħlas ma ġewx onorati, l-appellata tgħid li kien hemm bilanċ dovut lilha, kif ikkonfermat u ssiġillat permezz tal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet. Żiedet tgħid li dan il-ftehim ma ġiex onorat, u kien għalhekk li ġew intavolati l-proċeduri odjerni. L-appellata qalet li hija ressqet provi kemm dwar l-ammont dovut kif ukoll informazzjoni dwar iċ-ċekkijiet li ma ġewx onorati, filwaqt li l-appellanti straħu fuq il-memorja tagħhom li ċ-ċekkijiet kienu ġew onorati, jew li

wara li nstab li kien hemm xi ċekkijiet li ma ġewx onorati, sar ħlas permezz ta' flus kontanti. Żiedet tgħid li minn dan wieħed jislet il-konklużjoni li t-Tribunal kien korrett meta ddeċieda li kien jinkombi fuq l-appellanti li jressqu prova tal-ħlas allegat minnhom, kemm għaliex fl-ewwel lok kienu huma stess li rrikonoxxew id-dejn, kienu huma stess li rrikonoxxew li kien hemm xi ċekkijiet li ma ġewx onorati, imma imbagħad naqsu milli jġibu prova ta' ħlas b'mezzi oħra, liema prova kienet tispetta lilhom u xorta waħda ma nġabitx. L-appellata spjegat li min-naħa tagħha hija ppruvat li l-ammont huwa dovut permezz ta' *statements* dettaljati, *affidavits* u xhieda mressqa minnha, filwaqt li l-appellanti, baqgħu jsostnu li dawn l-ammonti tħallsu, imma naqsu milli jippruvaw tali ħlas. L-appellata saħqet li l-argument tal-appellanti li dokumentazzjoni importanti li tipprova li sar il-ħlas, tħalliet fil-fabbrika li ġew żgumbrati minnha, ma jagħmilx sens, għaliex l-appellanti li kieku riedu jressqu tali prova, setgħu jressqu rappreżentanti tal-banek sabiex jippruvaw li l-allegati ħlasijiet kienu saru. L-appellata qalet ukoll li Carmel Borg u Raymond Borg ma qablux bejniethom dwar kemm kien l-ammont li suppost ġie mħallas akkont, u kien hemm differenza sostanzjali bejn l-ammont li Carmel Borg sostna li tħallas u l-ammont li Raymond Borg qal li tħallas.

22. B'riferiment għall-aggravju dwar l-imgħaxijiet, l-appellata qalet li kuntrarjament għal dak li ġie allegat mill-appellanti, l-imgħaxijiet jibqgħu jiddekorru sad-data tal-ħlas effettiv.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

23. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanti, flimkien mas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellata fit-tweġiba tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata. Però qabelxejn il-Qorti sejra tikkonsidra l-eċċezzjoni preliminari mressqa mill-appellata dwar in-nullità tar-rikors tal-appell intavolat mill-appellanti għaliex dan sar kontra 'ARMS Limited' u mhux kontra Automated Revenue Management Services Limited. Is-soċjetà li kontriha qiegħed isir l-appell mill-appellanti ġiet identifikata bin-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpannija (C 46054). Għalhekk ċertament ma jistax jintqal li r-rikors tal-appell sar kontra kumpannija li ma teżistix. Anki jekk l-isem tal-kumpannija appellata mhux indikat b'mod komplut, billi 'ARMS' hija akronimu tal-isem sħiħ tas-soċjetà appellata, il-kumpannija li kontra tagħha qiegħed isir l-appell xorta waħda hi identifikata min-numru tar-reġistrazzjoni tagħha. Għaldaqstant il-Qorti tqis li m'hemmx lok għan-nullità tar-rikors tal-appell tal-apellanti.

*L-ewwel aggravju:* *It-Tribunal naqas milli jagħti deċiżjoni dwar l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati*

24. L-appellanti jgħidu li t-Tribunal kien żbaljat meta ma ta l-ebda deċiżjoni dwar l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati minnhom, dwar min mill-intimati huwa leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, u dwar jekk is-soċjetà rikorrenti għandhiex l-interess ġuridiku rikjest sabiex tkun tista' tippromwovi azzjoni bħal din.

25. Il-Qorti tqis illi dan l-aggravju huwa fieragħ għall-aħħar għaliex minn sempliċi qari tal-lodo arbitrali jirriżulta li mhux minnu li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati appellanti fl-*istatement of defence* tagħhom, tant hu hekk illi fil-lodo arbitrali wieħed jista' jaqra dawn il-preċiżi kelmiet: "Illi fl-ewwel lok l-arbitru sejjer jgħaddi biex jikkonsidra l-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari". Għall-kuntrarju mill-atti jirriżulta li ingħatat mit-Tribunal deċiżjoni dwar kull waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet preliminari b'mod separat, u kull waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet preliminari ġiet ikkunsidrat taħt kap għaliha. Huwa minnu li dawn l-eċċezzjonijiet preliminari ġew miċħuda mit-Tribunal, imma l-fatt li d-deċiżjoni mogħtija m'għoġbitx lill-appellanti, mhijiex bażi loġika li ssostni dan l-aggravju

26. Fl-eċċezzjonijiet preliminari tagħhom, l-appellanti Carmel Borg u Raymond Borg sostnew li huma fil-vesti tagħhom personali ma kinux parti mill-ftehim li kien sar mas-soċjetà appellata, u huma bl-ebda mod ma riedu jkunu garanti b'mod personali jew solidali flimkien mal-kumpannija Aluminium Extrusions Limited għall-arretrati dovuta lill-appellata. Il-Qorti hawnhekk trid tfakkar li l-ammont pretiż mis-soċjetà appellata jirrappreżenta arretrati ta' kontijiet tad-dawl u l-ilma u ta' kera tal-*meters* li kienu installati fil-fabbrika tal-Aluminium Extrusions Limited ġewwa Ħal Far, li l-appellanti Carmel Borg u Raymond Borg kienu diretturi tagħha. Il-Qorti tosserva ukoll li permezz tal-ftehim iffirmat fil-11 ta' Ġunju, 2004, bejn ir-rikorrenti min-naħa l-waħda u Carmel u Raymond Borg min-naħa l-oħra, ġie kkristallizzat l-ammont dovut mill-intimati li sa dakinhar kien jammonta għal LM43,281.75 (ekwivalenti għal €100,819.36). Minn qari tal-ftehim jirriżulta li l-partijiet qablu bejniethom li:

"F'każ ta' soċjetà kummerċjali, il-firmatarju qiegħed jintrabat personalment u '*in solidum*' mal-istess soċjetà għall-kundizzjonijiet kollha hawn isfel elenkati jekk is-soċjetà msemmija tonqos li żżomm dan il-ftehim."

27. It-Tribunal kien korrett meta rrileva li Carmel Borg u Raymond Borg it-tnejn li huma persuni midħla tan-negozju, u li mhuwiex verosimili li dawn ma fehmux l-import ta' din il-klawsola li ffirmaw għaliha. It-Tribunal osserva wkoll li *bonus paterfamilias* joqgħod attent għal xiex ikun qiegħed jobbliga ruħu qabel jiffirma klawsola bħal din. Il-Qorti tqis għalhekk li t-Tribunal kien korrett meta kkonkluda li fir-rigward ta' dak dovut lis-soċjetà appellata sad-data tal-iffirmar tal-ftehim bejn il-partijiet, li kien jammonta għal LM43,251.75 (€100,819.35), dan l-ammont għandu jitħallas solidalment mill-appellanti kollha flimkien jiġifieri minn Carmel u Raymond Borg personalment u minn Aluminium Extrusions Limited. Il-prinċipju ewlieni li jirregola l-istatut tal-kuntratti huwa *pacta sunt servanda,* jiġifieri dak miftiehem bejn il-partijiet huwa l-liġi ta' bejniethom u jrid jiġi osservat minnhom.

28. B'riferiment għat-tieni eċċezzjoni preliminari sollevata mill-appellanti, dwar l-interess ġuridiku tas-soċjetà appellata sabiex tipproponi azzjoni bħal din, intiża biex jitħallsu flus dovuta lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u lill-Korporazzjoni Enemalta, it-Tribunal kien korrett fil-konklużjonijiet tiegħu li meta ġew ppreżentati l-proċeduri arbitrali, kien għadu viġenti l-artikolu 22 tal-Kapitolu 355, li llum m'għadux fis-seħħ, li kien jistipula li waħda mill-funzjonijiet tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kienet li tistitwixxi proċeduri legali, jew kull proċedura oħra awtorizzata bil-liġi biex tiġbor jew tieħu lura somom fl-interess u għan-nom tal-Korporazzjoni Enemalta. It-Tribunal ikkonsidra

korrettement li meta ġew intavolati dawn il-proċeduri, u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma pproċediet ukoll sabiex tiġbor arretrati dovuta lill-Korporazzjoni Enemalta, din kienet qiegħda timxi entro l-limiti tal-liġi. Għaldaqstant dan l-ewwel aggravju tal-appellanti mhuwiex mistħoqq u qiegħda tiċħdu, mhux biss għaliex jirriżulta li mhux minnu li t-Tribunal injora l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-appellanti, imma anki għaliex it-Tribunal kien korrett fil-konsiderazzjonijiet tiegħu u fil-konklużjoni tiegħu rigward dawn l-eċċezzjonijiet.

*It-tieni aggravju:* *applikazzjoni ħażina tal-liġi meta t-Tribunal ċaħad l-eċċezzjonijiet tagħhom dwar il-*quantum *u minflok laqa' t-talbiet tal-appellata*

29. L-appellanti jgħidu t-Tribunal ma kienx korrett meta fil-konsiderazzjonijiet li ppreċedew id-deċiżjoni tiegħu dwar il-*quantum* dovut minnhom, dan qal li l-appellanti ma ġabu l-ebda prova tal-ħlasijiet li huma allegaw li għamlu. L-appellanti qalu li filwaqt li esponent tas-soċjetà appellata xehed li kien hemm numru ta' ċekkijiet li ma ġewx onorati, l-oneru tal-prova li sar ħlas ma kienx jinkombi fuqhom, iżda kienet is-soċjetà appellata li kellha tipprova li l-ħlas ma sarx. Il-Qorti tirrileva li sal-ġurnata li ġie ffirmat il-ftehim bejn il-partijiet, fil-11 ta' Ġunju, 2004, kien hemm qbil da parti tal-appellanti, li huma kellhom iħallsu l-amont ta' €100,819.36 lill-appellata, u għalhekk sa dakinhar dan il-*quantum* ma kienx ikkontestat. Minkejja dan, l-appellanti Carmel Borg u Raymond Borg xehdu li kienu saru xi ħlasijiet minnhom permezz ta' għadd ta' ċekkijiet akkont ta' dak dovut minnhom, għalkemm huma ma qablux bejniethom dwar kemm kien l-ammont hekk imħallas. Huma xehdu dwar

dawn l-allegati ħlasijiet b'mod neboluż għall-aħħar u mingħajr ma taw dettalji speċifiċi, billi qalu li jista' jkun li wara li ċ-ċekkijiet li permezz tagħhom ippruvaw iħallsu ma ġewx onorati, aktarx li sar ħlas permezz ta' flus kontanti, u f'kull każ huma m'għandhom l-ebda prova ta' dak li attwalment ġara għaliex id-dokumentazzjoni rilevanti dwar dan kienet tħalliet fil-fabbrika minn fejn huma ġew żgumbrati. Issa qegħdin jissollevaw l-aggravju li kien jinkombi fuq is-soċjetà appellata li ġġib prova ta' tali ħlas da parti tagħhom, meta l-persuni interessati stess, lanqas kienu kapaċi jaqblu fix-xhieda tagħhom dwar materja ta' daqstant importanza. Il-Qorti tqis li s-soċjetà appellata ressqet diversi provi dwar l-ammonti dovuta lilha permezz ta' xhieda, dokumenti b'dettalji dwar l-ammonti dovuti, kif ukoll billi ppreżentat kopja tal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet minn fejn jirriżulta li fl-2004, l-appellanti kienu qablu dwar l-ammonti li huma kellhom jagħtu lill-appellata. Jirriżulta wkoll li l-appellanti sfaw żgumbrati mill-fabbrika fl-1 ta' Diċembru, 2007, minħabba nuqqas ta' adempiment ta' obbligi kontrattwali li huma kellhom, u sa dakinar kienu akkumulaw aktar minn €26,000 oħra f'kontijiet tad-dawl u l-ilma. Ir-rappreżentant tas-soċjetà appellata xehed li wara li l-appellanti ġew żgumbrati mill-fabbrika ta' Ħal Far, il-Malta Industrial Parks kienet infurmat lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma b'dan l-iżgumbrament u kien ittieħed qari attwali tal-*meters.* Naturalment dan kien sar qabel il-fabbrika setgħet tiġi assenjata lil terzi jew tiġi użata mod ieħor, u għalhekk ma jistax jintqal mill-appellanti li dak pretiż mis-soċjetà appellata ma ġiex ippruvat minnha. F'dan il-każ, ladarba l-appellanti qegħdin isostnu li huma kienu ħallsu dak dovut minnhom, kien jinkombi fuqhom li jressqu prova ta' tali ħlas, għaliex is-soċjetà appellata rnexxielha tipprova li l-ammonti pretiżi minnha għadhom dovuti. Kien jinkombi fuq l-appellanti li jġibu prova li dawn l-ammonti

mhumiex dovuti billi jressqu prova ta' ħlas. Dak li qegħdin jallegaw l-appellanti li d-dokumenti relattivi kienu tħallew fil-fabbrika meta huma sfaw żgumbrati minnha, ma jistax jiġi aċċettat bħala xi forma ta' skużanti għan-nuqqas tagħhom li jippruvaw dak allegat minnhom, jiġifieri li sar il-ħlas. Anki li kieku jirriżulta li l-iżgumbrament tal-appellanti seħħ b'mod immedjat u mingħajr ma ngħataw ċans li jieħdu l-affarijiet personali tagħhom mill-fabbrika, li kieku ġara dan, l-appellanti kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom diversi mezzi legali sabiex jissalvagwardjaw l-interessi tagħhom, l-appellanti setgħu ressqu xhieda bħalma huma rappreżentanti tal-banek għall-konvinċiment tat-Tribunal li dawn il-ħlasijiet tassew kienu saru. Minn dan kollu ma sar xejn, u għalhekk tqis li l-konklużjoni tat-Tribunal kienet waħda korretta, u għalhekk dan l-aggravju mhux ġustifikat u tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *L-imgħax dovut u minn meta għandu jiddekorri*

30. L-appellanti jgħidu li l-lodo arbitrali ma jispeċifika l-ebda data minn meta kellu jibda jgħodd l-imgħax jew kemm kienet ir-rata tal-imgħax applikabbli. L-appellata twieġeb għal dan billi tgħid li f'dan il-każ l-imgħaxijiet huma tat-tip moratorji, u li dawn huma dovuti b'titolu ta' riżarċiment ta' danni għal dewmien da parti tad-debitur fl-adempiment tal-obbligi assunti minnu. Tgħid li għalhekk l-imgħaxijiet għandhom jiddekorru mid-data tal-aħħar pagament effettiv li sar mill-appellanti.

Il-Qorti tqis li hawnhekk ikun ta' siwi li tiċċita dak li kitbet il-Qorti tal-Appell (Superjuri) f'sentenza li tat fis-17 ta' Marzu, 2010 fl-ismijiet **Maria Lourdes Brincat *vs*. Giuseppe Brincat et**, fejn ġie stabbilit illi:

> "Fuq dan l-aspett il-Qorti tirrileva li dwar imgħax jingħad li l-prinċipju ġenerali hu li dan jiddekorri minn meta l-ammont dovut ikun ġie likwidat. Il-prinċipju hu li *in illiquidis non fit mora* għax l-imgħax għandu jgħaddi biss minn meta l-ammont huwa ċert, likwidu u skadut u ċioe mhux minn xi somma *da liquidarsi,* fejn l-ammont mitlub jirriżulta li mhux kollu dovut. Jekk l-ammont ma jkunx likwidu d-debitur ma jkunx jaf kemm għandu jħallas u minħabba f'hekk ma jkunx jista' jħallas u għalhekk ma jkunx moruż fil-pagament. Dan il-prinċipju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jingħad li jkun kostitwit *in mora*."

F'sentenza oħra tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet **A. Cilia *vs* Onor. Edgar Cuschieri**, mogħtija fit-12 ta' Novembru, 1948, inkiteb illi:

> "Għalhekk jekk l-obbligazzjoni hi ta' natura ċivili, meta jgħaddi ż-żmien tfisser li d-debitur għandu jagħti, iżda biex jibda jiddekorri imgħax hemm bżonn ta' interpellazzjoni b'att ġudizzjarju. Iżda ma hemm bżonn ta' ebda interpellazzjoni fil-każ ta' obbligazzjoni kummerċjali. Il-fatt li jgħaddi ż-żmien hu biżżejjed biex id-debitur ikun moruż u għalhekk l-imgħax jiddekorri *ipso jure* mill-ġurnata li fiha l-obbligazzjoni missha ġiet finalizzata."

In vista ta' dan, hija korretta t-teżi tas-soċjetà appellata li l-imgħax kummerċjali huwa dovut b'effett mill-ġurnata meta sar l-aħħar pagament effettiv da parti tal-appellanti, għaliex dakinhar kienet diġà skattat obbligazzjoni da parti tal-appellanti għall-ħlas ta' ammonti oħra dovuta minnhom.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħad l-aggravji kollha sollevati mill-appellanti u tikkonferma d-deċiżjoni arbitrali fl-intier tagħha.**

**Filwaqt li l-ispejjeż tal-proċeduri arbitrali għandhom jibqgħu kif deċiżi, l-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**